## 5 ta' Novembru, 1956

### Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Chev Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Carmela Zarb et.** ***versus*** **Felice Bonnici**

### Soċjetà Universali tal-Qliegħ — Komunjoni Familjari Taċita — Nullità — Rinunzja — Ratifika — Kważi Kuntratt Ġudizzjarju — Art. 1743 tal-Kodiċi Ċivili

*Biex tkun teżisti soċjetà universali tal-qliegħ, jeħtieġ li din tiġi kostitwita b'att publiku. Jekk tonqos din il-formalità, is-soċjetà tkun nulla.*

*Din hija nullità li, ladarba l-formalità tal-att publiku hija rikjesta "ad solemnitatem", u mhux "ad probationem tantum", tinfiċja l-att fl-eżistenza tiegħu; u dan sal-punt li lanqas hija ammissibbli ratifika taċita ta' dik is-soċjetà; si tratta ta' nullità assoluta u ta' ordni publiku, li għandha tiġi rilevata mill-Qorti "ex officio", avvolja l-partijiet ma jkunux issollevawha, anzi jkunu rrinunzjaw għaliha.*

*Għaldaqstant, jekk bis-sistema ta' difiża li jkun assuma l-konvenut jista' jidher li hu rrinunzja għall-eċċezzjoni ta' din in-nullità, l-attur ma jistax jeċċepixxi li l-konvenut ma jistax aktar jissolleva din l-eċċezzjoni minħabba l-kważi-kuntratt ġudizzjarju; u l-eċċezzjoni tal-attur li l-konvenut irrinunzja għal din l-eċċezzjoni ta' nullità mhix ammissibbli.*

*Fl-universalità tal-gwadanji l-liġi tara vera u proprja soċjetà; u għalhekk, għall-eżistenza tagħha jeħtieġ jirrikorru l-elementi ta' kull soċjetà, jiġifieri l-volontà tal-partijiet, il-ftehim li jridu jqiegħdu xi ħaġa in komuni, il-kapaċità li jikkuntrattaw, u r-rekwiżit speċjali tal-kuntratt tas-soċjetà, jiġifieri l-"affectio societatis". Jekk jonqos xi wieħed minn dawn l-elementi, dik is-soċjetà legalment ma teżistix, u allura mhix applikabbli s-sanzjoni tal-liġi li teżiġi l-formalità tal-att publiku.*

*Jista', avvolja ma tkunx teżisti s-soċjetà universali tal-qliegħ, jirriżulta li kien hemm komunjoni familjari taċita, jekk jirriżultaw l-elementi ta' din il-komunjoni, u ċjoè l-indiviżjoni tal-beni, il-komunjoni ta' kull qliegħ u telf, in-nuqqas ta' rendikont reċiproku, u l-komunanza tal-abitazzjoni bejn il-konsorti.*

*Jekk il-konvenut ikun issolleva l-eċċezzjoni tan-nullità tas-soċjetà universali tal-gwadanji, u l-Qorti, wara li fis-sentenza tkun għamlet distinzjoni bejn universalità tal-qliegħ u komunjoni familjari taċita, tkun ċammet li bejn il-kontendenti ma kienx hemm soċjetà universali tal-gwadanji, u li għalhekk is-sanzjoni tan-nullità ta' dik is-soċjetà minħabba nuqqas tal-formalità tal-att publiku ma hix applikabbli għall-każ, u inveċe tkun irriteniet li kien hemm bejn il-kontendenti komunjoni familjari taċita, u l-konvenut jappella fuq il-motiv li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-komunjoni familjari taċita, u jitlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li rrespinġiet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-komunjoni familjari taċita, dak l-appell huwa irritu u null; għax l-appellant ikun qiegħed jitlob ir-revoka ta' ħaġa li ma tinsabx u li ma ġietx maqtugħa fis-sentenza appellata.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, billi wara l-mewt tas-superstiti fost il-ġenituri tal-kontendenti, ċjoè approssimattivament fl-1939, jew data verjuri, il-kontendenti għexu b'ekonomija komuni taħt saqaf wieħed u b'mejda waħda; u billi l-atturi bil-ħidma tagħhom, flimkien mal-konvenut ħuhom, ikkontribwew għal xogħlijiet agrikoli u xogħlijiet oħrajn, b'mod li l-qliegħ in parti sewa għall-manteniment komuni, u għall-bqija baqa' in komun, bħala akkwisti magħmulin akkont soċjali, b'mod li ffurmat ruħha bejn il-kontendenti, li qatt ma għamlu ebda kontijiet jew qasmu ebda qliegħ bejniethom, dik li tissejjaħ "komunjoni familjari taċita"; u billi bil-qliegħ fuq imsemmi, tant minn xogħlijiet agrikoli kemm minn xogħlijiet oħra, ġew akkumulati somom ta' flus li ġew miżmuma mill-konvenut; u billi l-konvenut xi tliet snin ilu żżewweġ u telaq mid-dar komuni, iżda sal-lum għadu ma vversax lill-atturi sehemhom ta' dina l-komunjoni, non ostante li ġie nterpellat

b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar 1953; talbu li tiġi likwidata l-komunjoni fuq imsemmija, billi tiġi magħmula tikkonsisti fis-sostanzi li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; u tiġi ordnata diviżjoni f'ħames porzjonijiet, kull waħda tal-entità li tiġi stabbilita skond ix-xorta tax-xogħol li jkun għamel kull wieħed mill-kontendenti u skond iż-żmien li rispettivament kull wieħed baqa' f'din il-komunjoni; billi jittieħed qies tal-prelevamenti, u billi tiġi assenjata lil kull kontendent, għall-finijiet tad-diviżjoni, bix-xorti jew bl-assenjazzjoni skond il-każ, il-porzjon hekk stabbilita; dan kollu, okkorrendo, bl-opra ta' periti eliġendi, billi, okkorrendo, jiġi nominat nutar publiku biex jirrediġi l-opportun att notarili ta' likwidazzjoni u diviżjoni, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi fuq l-att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar, 1953. Bla preġudizzju ta' kull dritt tal-atturi għal dak li jmisshom mill-wirt tal-ġenituri, indipendentement mill-komunjoni fuq imsemmija;

*Omissis;*

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert agrikolu .........;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali .........;

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 1955 (fol. 165), mnejn jidher illi l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tan-nullità dwar is-soċjetà universali tal-gwadanji;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Marzu 1956, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kważi-kuntratt ġudizzjali u, għall-bżonn, tar-rinunzja, opposta mill-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tan-nullità opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u ddifferiet il-kawża għall-4 ta' Mejju, 1956, biex titkompla skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata mill-konvenut;

Illi fin-nota tiegħu fol. 126 il-konvenut issottometta illi d-domanda kif proposta mill-attur mhix ammissibbli, għaliex skond l-art. 1743 tal-Kodiċi Ċivili, biex tkun teżisti soċjetà universali tal-qliegħ jeħtieġ li tiġi kostitwita b'att publiku; liema formalità ma ġietx, f'dan il-każ, osservata;

Illi l-atturi, fin-nota tagħhom fol. 169 irrilevaw li f'dan l-istadju dik l-eċċezzjoni mhix aktar proponibbli, minħabba

l-kważi kuntratt ġudizzjali li l-konvenut ħoloq bis-sistema ta' difiża minnu adottat fil-kors tal-proċeduri, u li minnu l-konvenut ma jistgħax jirreċedi;

Illi, dwar dina l-kwistjoni sollevata mill-attur, il-Qorti tosserva illi l-konvenut, fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 8, wara li ssottometta illi "huwa ma jopponix ruħu għall-likwidazzjoni mitluba fiċ-ċitazzjoni", irrileva wkoll li "huwa mhux debitur versu l-atturi, għaliex dak li daħal mill-azjenda komuni ġie kollu minfuq fl-interess komuni"; di più osserva illi "jekk huwa ddepożita f'ismu xi flus, dawn ma kienux jappartjenu lill komunjoni, imma kienu l-qliegħ taxxogħol personali tiegħu"; u *dan l-atteġġjament huwa kompla jispjegaħ* fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet, kif ukoll fix-xhieda minnu mogħtija quddiem il-perit legali;

Illi anki kieku, "ex hypothesi", fil-pretiż atteġġjament tal-konvenut kellha tiġi ravviżata rinunzja għall-eċċepita nullità, ta' min josserva illi, ladarba l-formalità tal-att publiku hija rikjesta "ad solemnitatem", u mhux "ad probationem tantum", in-nuqqas tagħha jinfiċja l-att fl eżistenza *tiegħu; għaliex il-forma, f'dan il-każ, toqtol is-sustanza, tant* illi "si nullum est negotium nihil est actum"; u dan ukoll sal-punt li lanqas hija ammissibbli ratifika taċita (arg. art. 1274 Kod. Ċiv.). Si tratta, għalhekk, ta' nullità assoluta u ta' ordni publiku; u konsegwentement, kif josserva f'każ analogu l-Atzeri Vacca, "la nullità della convenzione deve essere rilevata d'ufficio quantunque le parti non solo non la oppongono, ma dichiarano espressamente di rinunziarvi" (Rinunzie, 261);

*Minn dana jidher li mhix* sostenibbli l-eċċezzjoni (anki kieku fil-fatt kienet sostnuta) tal-kważi-kuntratt ġudizzjali, peress li l-ġudikant ma jista' qatt jiġi privat mill-partijiet mid-dritt — li sostanzjalment hu dover — li jissolleva nullità ta' ordni publiku, u b'hekk japplika l-liġi li huwa msejjaħ skrupolożament jamministra;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, huwa dmir tal-Qorti li teżamina jekk fil-każ partikulari ta' dina l-kawża kienx hemm bejn il-kontendenti s-soċjetà universali tal-qliegħ "... sens u għall-finijiet kollha tal-art. 1743 tal-Kodiċi Ċivil"

Dina d-dispożizzjoni tinsab kollokata mill-leġislatur taħt it-titolu tal-"Kuntratti ta' Soċjetà", u preċiżament taħt is-subtitolu intitolat "Fuq id-diversi xorta ta' soċjetà". Dan indubbjament ifisser illi l-liġi tikkontempla, anki fil-kaz ta' universalità tal-qliegħ, vera u proprja soċjetà skond id-definizzjoni tal-art. 1738 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri "kuntratt li biħ tnejn minn nies, jew iżjed, jifthemu li jqegħedu xi ħaġa in komuni, sabiex jaqsmu l-qliegħ li b'hekk jistgħu jieħdu". Ladarba hu hekk, iridu jirrikorru r-rekwiżiti kollha ta' kull soċjetà in ġenerali; għalhekk hemm bżonn li jkun hemm il-volontà tal-partijiet, il-ftehim li jqegħdu xi ħaġa in komuni, u kwindi huma jridu jkunu legalment kapaċi għal dan l-akkordju; u jrid ikun hemm ukoll ir-rekwiżit speċjali ta' kull soċjetà, l-"affectio societatis";

Issa, jekk wieħed jeżamina r-rapporti li nħolqu bejn il-kontendenti wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom, isib illi fihom ma jirrikorrix dak li tirrikjedi l-liġi għall konfigurazzjoni ta' soċjetà vera u proprja. Difatti, apparti milli ma rriżultax adegwatament l-element tal-"affectio societatis", huwa żgur li akkordju bejn il-partijiet ma kienx hemm, u lanqas seta' legalment ikun hemm, peress li l-atturi, fiż-żmien li bdiet is-supposta soċjetà, u għal bosta snin wara, kienu għadhom taħt l-età (ara fidijiet fol. 104 sa 107 tal-proċess), u kwindi ma kellhomx il-kapaċità li trid il-liġi. jiġifieri dik li jikkuntrattaw u jaljenaw is-sustanzi konferiti fis-soċjetà. In-neċessità ta' veru ftehim għall-eżistenza anki ta' soċjetà universali tal-qliegħ ġiet ribadita mill-Qorti tal-Appell tar-Re fil-kawża "Buttigieg utrinque"; u kien preċiżament għaliex dak il-ftehim ma kienx jirriżulta minn att publiku li l-Qorti ddikjaratu ineżistenti (Kollez. XXIX-I-564). Huwa mbagħad paċifiku l-prinċipju illi l-eżistenza ta' soċjetà ma għandhiex tiġi preżunta; għaliex, kif jinnota maġistralment Troplong, "trae seco delle obbligazioni troppo serie perchè altri possa ammetterla senza un evidente intenzione da parte dei contraenti"; u konsegwentement fid-dubju għandha tiġi eskluża. Kif jgħid Cujaccio, "in dubiis non videtur societas" (Contratto di Società. 28 u 35);

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza li, ladarba r-rapporti bejn il-kontendenti ma kienux ta' vera soċjetà, ma setgħax kien hemm bejniethom l-invokata soċjetà universali tal-qliegħ; u għalhekk is-sanzjoni komminata mill-art. 1743 (Kod. Ċiv.) mhix applikabbli għall-każ;

Illi, però, mill-provi miġjuba jirriżulta li bejn il-kontendenti kien hemm stat ta' komunjoni tali li, kif rilevat mill-perit legali, kien jirrivesti l-elementi tal-hekk imsejħa "komunjoni taċita familjari", rikonoxxuta mid-dottrina u mill-ġurisprudenza Taljana u Franċiża, u ammessa direttament u indirettament anki mill-Qrati Tagħna (Kollez. II, 391, col. 2da; XXIX-II-252, 841 u 906; u in re "Callus vs. Cini", deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju 1936, inedita);

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, wara li enumera (fol. 145), fuq l-insenjament tad-dottrina u tal-ġurisprudenza, l-elementi tal-komunjoni taċita familjari, jiġifieri l-indiviżjoni tal-beni, il-komunjoni ta' kull qliegħ u telf, in-nuqqas ta' rendikont reċiproku, u l-komunanza ta' abitazzjoni bejn il-konsorti, u wara li eżamina l-provi "hinc inde" miġjuba, wasal għall-konklużjoni li ma hemmx dubju li bejn l-atturi u l-konvenut kienet teżisti dina l-komunjoni familjari (fol. 153); u l-Qorti tħoss li għandha taddotta r-raġunamenti magħmula u l-konklużjoni raġġunta mill-perit;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens illi tiġi konfermata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kważi-kuntratt, u għall-bżonn tar-rinunzja, opposta mill-atturi, u tiġi revokata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-komunjoni familjari taċita, billi dina l-eċċezzjoni ma kienetx sollevata mill-konvenut, u jiġi deċiż illi f'tali komunjoni għandhom jidħlu biss l-azjenda komuni u l-qbiela u t-tfaddil derivanti mill-istess azjenda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta tal-atturi, li eċċepew in-nullità tal-appell, in kwantu bih ġiet mitluba revoka ta' parti ta' deċiżjoni, liema parti ma teżistix;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni l-atturi qegħdin jitolbu likwidazzjoni u diviżjoni tas-sustanzi li jidħlu f'komunjoni familjari taċita, li jippretendu li kien hemm bejniethom u bejn il-konvenut. Bin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu (fol. 8), il-konvenut ma opponiex dik il-likwidazzjoni mitluba, iżda qal li hu mhux debitur versu l-atturi, għaliex dak li daħal mill-azjenda komuni ġie kollu minfuq fl-interess komuni, u għalhekk ipprotesta għall-ispejjeż. B'digriet tat-13 ta' Gunju 1953 (fol.11), l-Ewwel Qorti nnominat perit legali "biex jillikwida l-komunjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma tagħha". B'relazzjoni tiegħu ppreżentata fit-13 ta' Mejju 1955, u maħlufa fit-28 ta' Ottubru 1955, l-imsemmi perit illikwida l-komunjoni familjari fuq indikata u ppropona pjan ta' qasma tagħha. B'verbal tal-istess data 28 ta' Ottubru 1955 (fol. 165), il-kawża ġiet differita għat-13 ta' Jannar 1956, għad-deċiżjoni "fuq il-kwistjoni sollevata l-lum rigward l-ineżistenza tas-soċjetà universali tal-gwadanji, opposta mill-konvenut, bil-fakoltà lill-konvenut li jippreżenta nota sal-15 ta' Novembru 1955, bil-visto tal-kontro-parti, li kellhom dritt jirrispondu sal-25 ta' Novembru, 1955". Il-konvenut ippreżenta n-nota tiegħu fil-11 ta' Novembru 1955 (fol. 166), fejn qal li "l-eċċezzjoni sollevata minnu dwar in-nullità tas-soċjetà universali tal-qliegħ kollu, u per konsegwenza tal-inammissibbilità tad-domanda kif proposta, tirriżulta ċar mill-art. 1743 tal-Kodiċi Ċivili, para. 2, li jirrikjedi li simili soċjetà tiġi kostitwita b'att publiku". Għal din in-nota tal-konvenut l-atturi rrispondew bin-nota tagħhom tal-25 ta' Novembru 1955 (fol. 169), fejn esponew li l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli għal żewġ raġunijiet, jiġifieri: (a) minħabba l-kważi-kuntratt ġudizzjali, indott mis-sistema tad-difiża tal-istess konvenut, u (b) għaliex l-azzjoni proposta mhix bażata fuq id-dispożizzjoni tal-imsemmi art. 1743, li jirriferixxi għas-soċjetà universali tal-qliegħ, iżda fuq il-komunjoni familjari taċita, li hija bażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-komunjoni, u mhux tas-soċjetajiet;

B'sentenza tat-8 ta' Marzu 1956, l-Ewwel Qorti, wara li rrivelat li bl-imsemmi verbal tat-28 ta' Ottubru, 1955, (fol. 165) il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tan-nullità dwar is-soċjetà universali tal-gwadanji, iddeċediet dwar dik l-eċċezzjoni tan-nullità, sollevata mill-konvenut, fis-sens li rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-kważi-kuntratt ġudizzjali, opposta mill-atturi kontra dik l-eċċezzjoni, u rrespinġiet ukoll l-eċċezzjoni tan-nullità opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

F'dik is-sentenza, l-Ewwel Qorti affermat li "ladarba r rapporti bejn il-kontendenti ma kienux ta' vera soċjetà, ma setgħax kien hemm bejniethom soċjetà universali tal-qliegħ u għalhekk is-sanzjoni komminata mill-art. 1743 (Kod. Ċiv.) mhix applikabbli għall-każ". L-istess sentenza kompliet tgħid li, però, mill-provi miġjuba jirriżulta li bejn il-kontendenti kien hemm stat ta' komunjoni tali li kien jirrivesti l-elementi tal-hekk imsejħa komunjoni taċita familjari, rikonoxxuta mid-dottrina u mill-ġurisprudenza Taljana u Franċiża, u *ammessa direttament u indirettament anki mill-*Qrati Tagħna. L-istess Qorti spiċċat biex qalet li l-perit legali minnha adoperat kien wasal għall-konklużjoni li bejn il-kontendenti kien hemm dik il-komunjoni familjari taċita, u li hija kienet tal-istess fehma għall-motivi enumerati mill-istess perit;

B'dana *l-appell, il-konvenut qiegħed jitlob ir-riforma* tal-imsemmija sentenza tat-8 ta' Marzu 1956, fis-sens li tiġi revokata "in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata minnu, u jiġi deċiż illi f'tali komunjoni għandhom jidħlu biss l-azjenda komuni u l-qbiela u t-tfaddil derivanti mill-istess azjenda". L-atturi opponew in-nullità ta' dan l-*appell, billi bih ġiet mitluba revoka ta' parti li ma teżistix* fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat;

Illi bid-domanda tiegħu fil-petizzjoni l-appellant jallega li huwa qatt ma ta l-eċċezzjoni tan-nullità tal-komunjoni *familjari taċita*, u tant jammetti l-eżistenza u l-validità ta' dik il-komunjoni li talab li jiġi deċiż li fiha għandhom jidħlu

biss l-azjenda komuni u l-qbiela derivanti mill-istess azjenda. Fis-sentenza appellata hemm distinzjoni netta bejn iż-żewġ figuri ta' "soċjetà universali tal-qliegħ" u dik ta' "komunjoni familjari taċita"; tant li fl-istess sentenza ġie eskluż li fil-każ in ispeċje tista' tirrikorri l-ewwel waħda u ġie affermat li tirrikorri t-tieni waħda. Kien għalhekk li b'dik is-sentenza ġiet respinta l-eċċezzjoni opposta mill-konvenut bl-imsemmi verbal tat-28 ta' Ottubru, 1955, billi l-Qorti dehrilha li mhux il-każ ta' soċjetà universali tal-qliegħ, u konsegwentement in-nullità opposta in bażi għat-tieni paragrafu tal-art. 1743 tal-Kodiċi Ċivili mhix applikabbli. Tant mill-premessi kemm mill-motivazzjoni, u anki mid-dispożittiv tas-sentenza appellata, ebda dubju ma jista' jkun hemm li l-eċċezzjoni tal-konvenut li bl-istess sentenza ġiet respinta hija biss dik riżultanti mill-imsemmi verbal (fol. 165), jiġifieri l-eċċezzjoni tan-nullità tas-soċjetà universali tal-qliegħ kollu, sollevata fit-28 ta' Ottubru, 1955;

Ikkunsidrat;

Illi mill-premess jirriżulta (a) li l-konvenut appellant issolleva bl-imsemmi verbal (fol. 165), bħala eċċezzjoni ulterjuri, dik tan-nullità tas-soċjetà universali tal-qliegħ, (b) li kienet din l-eċċezzjoni li ġiet respinta bis-sentenza appellata, u (c) li b'din is-sentenza ma ġietx respinta l-ebda eċċezzjoni dwar in-nullità tal-komunjoni familjari taċita, li l-appellant ma jikkontestax l-eżistenza tagħha u ma jopponiex in-nullità tagħha. Konsegwentement, meta b'dan l-appell qegħdha tiġi mitluba r-revoka ta' dik il-parti li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità tal-komunjoni familjari taċita, fil-fatt qegħedha tintalab revoka ta' ħaġa li ma ġietx maqtugħa fis-sentenza appellata, u għalhekk l-appell huwa irritu u null, billi nieqes mill-kawża li tifforma l-oġġett tiegħu;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-atturi appellati, u tiddikjara irritu u null fil-kap devolut lil dina l-Qorti l-appell tal-konvenut; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.